- *SEPARAZZJONI; ARTIKOLU 40 KAP 16 –*
- *KURA U KUSTODJA -*
- *ARTIKOLU 48 U 50 TAL-KAP 16 –*
- *INTERESS TAL-MINURI -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Gunju 2002**

**Kawza Numru: 67**
**Citazzjoni Numru: 402/00/RCP**

**Maria Dolores Bugeja u b'digriet tal-Qorti tal-14 ta' Frar 2001 giet awtorizzata korrezzjoni fis-sens li wara l-isem tal-attrici jizdiedu l-kliem "f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' wliedha minuri, Mario, Jonathan, Brandon u Harrison".**

**vs**

**George Bugeja**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti zzewgu fid-29 ta' Novembru 1981 f'Malta u minn dan iz-zwieg twieldu erbat itfal u cjoe` Mario ta' sittax-il sena, Jonathan ta' hdax-il sena, Brandon ta' hames snin u Harrison ta' sentejn.

Illi l-imsemmi konvenut irrenda ruhu hati ta' servizzji, mohqrija, insulti u adulterju tant li kisser iz-zwieg, telaq mid-dar u rrenda l-hajja konjugali mhux aktar possibbli.

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha *ad mensa et thoro* skond digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili numru 2775/99) hawn anness u mmarkat dokument "A".

Illi bl-istess digriet il-Qorti stabbiliet is-somma ta' Lm280 fix-xahar bhala manteniment provizorju ghaliha u ghal uliedha.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti *ad mensa et thoro* b'tort tal-konvenut.

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal imsemmija f'idejn l-attrici fl-ahjar interess tal-minuri.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici u ghal uliedha dik ir-retta alimentarja li tistabbilixxi din il-Qorti taht dawk il-modalitajiet li jidhrilha xierqa.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u filwaqt li taqsamha f'zewg porzjonijiet ugwali, tassenja wahda lill-attrici u ohra lill-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili u bl-ungunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol.3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 6 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici Maria Dolores Bugeja datat 15 ta' Marzu 2000 fejn talbet lill-Qorti biex tawtorizza lill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati jghaddi s-somma ta' Lm280 direttament lilha biex tkun tista' tmantni l-familja taghha.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tad-29 ta' Marzu 2000, fejn ordnat li dan jigi notifikat lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghal risposta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-27 ta' Settembru 2000 a fol. 23 fejn gie eccepit illi:

1. Preliminarjament, l-attrici ma tistax titlob li l-eccipjent jigi kkundannat ihallas retta alimentari ghall-ulied minuri *stante* illi tagixxi biss f'isimha proprju u mhux ukoll bhala kuratrici *ad litem* tal-ulied minuri.

2. *In linea* preliminary wkoll, l-attrici ghandha qabel xejn titlob korrezzjoni fic-citazzjoni promotrici *stante* illi t-tieni (2) u t-tielet (3) talba attrici fir-realta` jikkonsistu f'talba wahda u jrid jitnizzel ukoll in-numru tad-digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

3. Fil-mertu, l-eccipjent ma joggezzjonax li din l-Onorabbli Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti *ad menso et thoro*, izda mhux b'tort tal-eccipjent, li l-minuri jigu affidati lill-attrici pero` jkun hemm dritt ta' access adegwat ghall-eccipjent, li tigi dikjarata xolta l-komunjoni tal-Akkwisti bejn il-kontendenti u din tigi diviza f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-eccipjent, u li l-eccipjenti jhallas retta alimentari ghall-attrici u ghal uliedu pero` f'ammont illi jkun jirrifletti l-mezzi finanzjarji tal-eccipjent.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 24 u 25 tal-process.

Rat il-verbal tal-31 ta' Ottubru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Veronica Galea Debono bhala Assistenta Gudizzjarja biex tigbor il-provi f'din il-kawza.

Rat ir-rikors tal-attrici tat-2 ta' Novembru 2000 fejn talbet l-awtorizzazzjoni tal-Qorti ghall-korrezzjonijiet fl-okkju fl-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbali tal-14 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti laqghet it-talba ghal din il-korrezzjoni kif mitluba mill-attrici. Fuq informazzjoni moghtija l-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Assistenta Gudizzjarja u ordnat lill-attrici biex fi zmien xahrejn tipprezenta x-xhieda taghha bil-procedura tal-affidavits bis-solitu visto / notifika lill-kontro-parti skond il-ligi;

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-14 ta' Frar 2001 fejn l-konvenut talab li jitnaqqas il-manteniment tieghu *pendente lite* u dan peress li allega li huwa m'ghadux jahdem *part time* u wkoll ghaliex kien qed jikri fond ghal rasu bil-kera ta' Lm70 fix-xahar.

Rat ir-risposta tal-attrici datata 6 ta' April 2001 fejn l-intimata opponiet ghall-istess talba *stante* li sostniet li l-konvenut abbanduna d-dar konjugali ghaliex mar jghix ma' mara ohra, u li mhux minnu li waqaf jahdem bhala *waiter.*

Rat ix-xhieda tal-konvenut fl-istess rikors datata 27 ta' Lulju 2001 fejn sostna li jaqla' Lm310 fix-xahar nett, apparti *part*

*time* ta' Lm30 fix-xahar u jhallas kera ta' Lm70 fix-xahar u wiehed mill-ulied sar maggorenni.

Rat l-ordni tal-Qorti u d-Digriet taghha tas-16 ta' April 2002, fejn ordnat li r-rikors premess jigi inserit fl-atti tal-kawza bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Mejju 2001 fejn Dr. Joseph Fenech ghall-attrici nforma lill-Qorti li l-affidavits tal-attrici gew prezentati pero' ma jinsabux fil-process. Il-Qorti ordnat in-notifika lir-Registratur tal-Qrati biex tigi nvestigata din il-materja.

Rat in-nota tar-Registratur datata 21 ta' Mejju 2001, fejn informat lill-Qorti li mill-*Cash Office* ma rrizultax li tali affidavits gew ipprezentati fl-atti tal-kawza.

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju 2001 fejn *in vista* tan-nota tar-Registratur tal-Qrati, informa lill-Qorti li ghandu jipprezenta nota fejn fiha jsostni li tali affidavits gew fil-fatt ipprezentati. Dr. Chris Cilia ghall-konvenut inghata kopja tal-affidavits tal-attrici, ta' Joyce Borg u ta' Carmelo Bugeja, u anke ta ruhu b'notifikat bic-citazzjoni kif korretta u ddikjara li l-eccezzjonijiet tieghu ghandu jghoddu wkoll ghall-istess citazzjoni kif korretta.

Rat in-nota tal-attrici datata 11 ta' Gunju 2001 li biha esebiet hames affidavits, u dik tal-konvenut tat-12 ta' Gunju fejn ipprezenta l-affidavit tieghu stess. B'nota ohra tal-15

ta' Gunju 2001 Maria Dolores Bugeja rriservat id-dritt ghall-kontro-ezami tal-konvenut wara l-affidavit tieghu tat-12 ta' Gunju 2001.

Rat il-verbali tal-24 ta' Lulju 2001; tas-6 ta' Dicembru 2001; tal-31 ta' Jannar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; u tas-16 ta' April 2002 fejn Dr. Fenech ghall-attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar salv li jigu awtentikati l-kopji tal-affidavit minnu gja' prezentati. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b'terminu ta' erbghin (40) jum.

Rat in-nota tal-attrici datata 31 ta' Mejju 2002, li biha pprezentat affidavits awtentikati kif ordnat fil-verbal tas-16 ta' April 2002.

Rat il-verbal tat-18 ta' Gunju 2002 fejn xehdu l-attrici Maria Dolores Bugeja, Maurice Zammit, il-konvenut George Bugeja u f'hin minnhom xehdu kemm l-attrici u l-konvenut in konfront ta' xulxin. Il-konvenut obbliga ruhu li fi zmien ghaxart ijiem ghandu jipprezenta dokument indikanti l-qliegh mill-*part time job* tieghu. Id-difensuri qablu li ghandu jithallas manteniment ta' mitejn u hamsa u tletin lira Maltija (Lm235) fix-xahar b'effett immedjat. Mill-bqija l-partijiet qablu li l-access ghandu jkun wiehed liberu u d-dar tibqa' in komun bejniethom b'dan li l-attrici tibqa' tghix fid-dar ma' wliedha. Il-kawza giet differita ghall-lum 27 ta' Gunju 2002 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-kontendenti ilhom mizzewgin fuq l-ghoxrin sena u kellhom erbat itfal, Mario, Jonathan, Brandon, u Harrison, li minnhom Mario llum huwa maggorenni.

Illi jirizulta wkoll li xi ghaxar (10) snin ilu l-istess konvenut beda johrog ma' mara ohra u ovvjament inqala' nkwiet sew ma' martu sa ma fl-ahhar telaq mid-dar f'Dicembru 1999 u jidher li beda jghix ma' din it-terza persuna u din ir-relazzjoni jidher li giet kkonfermata sahanistra minn omm il-konvenut Josephine Bugeja u minn ohtu Joyce Borg, tant li ma' dawn ukoll stqarr din ir-relazzjoni li huwa kellu ma' din il-persuna. L-istess sostna missier il-konvenut Carmelo Bugeja. Fil-fatt f'xi okkazjonijiet l-istess konvenut kien iltaqa' mal-istess mara fil-presenza ta' wliedu.

Illi l-konvenut jichad li kellu din ir-relazzjoni ghalkemm ammetta li darba kien hareg ma' mara, pero' huwa jsostni li dan kien ghamlu peress li l-karattri tal-kontendenti huma ferm differenti minn xulxin u huwa kien imdejjaq fiz-zwieg peress li martu kienet thobb toqghod wahedha, u ghalhekk huwa ddecieda li jitlaq mid-dar.

Illi minn dan kollu jidher li l-allegazzjonijiet attrici gew ilkoll pruvati u dan fis-sens li l-konvenut ikkometta adulterju, u telaq mid-dar u b'hekk irrenda l-hajja konjugali mhux iktar possibbli, u wkoll ghaliex iz-zwieg tkisser irremedjabilment u dan ghall-istess ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

Illi dwar manteniment b'verbal tat-18 ta' Gunju 2002 l-partijiet qablu li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghaliha u ghall-istess uliedha li ghadhom minuri, Jonathan, Brandon u Harrison, is-somma ta' mitejn u hamsa u tletin lira Maltija (Lm235) fix-xahar b'effett immedjat.

Illi qabblu wkoll li l-komunjoni tal-akkwisti ghandha tkun xolta, u d-dar konjugali tibqa' proprjeta' in komun bejniethom, b'dan pero' li l-attrici tibqa' tghix ma wliedha fl-istess dar konjugali bl-eskluzjoni tal-konvenut.

Illi *in vista* ta' din it-terminazzjoni tal-kawza u din is-sentenza odjerna il-Qorti tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni tar-rikorsi *pendente lite* fuq indikati, kemm minhabba d-dispozizzjonijiet tal-istess sentenza, u kemm minhabba il-qbil premess bejn il-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi ukoll fuq qbil bejn il-partijiet, u filwaqt li

tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu jikkontrastaw mat-talbiet attrici, **tilqa' t-talbiet attrici** kif hawn taht premess b'dan illi:-

(1) Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti *ad mensa et thoro* b'tort tal-konvenut u dan peress li l-konvenut ikkommetta adulterju, u telaq mid-dar u b'hekk irrenda l-hajja konjugali mhux aktar possibbli, u wkoll ghaliex iz-zwieg tkisser irremedjabilment u dan ghall-istess ragunijiet imputabbli lill-konvenut.

(2) Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal imsemmija f'idejn l-attrici fl-ahjar interess tal-minuri b'dan li ghandu jkun hemm access liberu favur il-konvenut, bi ftehim bejn il-partijiet, u dan kif accettat mill-partijiet stess fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2002.

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici u ghal uliedha minuri Jonathan, Brandon u Harrison ir-retta alimentarja li dwarha qablu l-partijiet kif indikat fl-istess verbal tat-18 ta' Gunju 2002, fis-somma ta' mitejn u hamsa u tletin lira Maltija (L235) fix-xahar b'effett mill-istess data tat-18 ta' Gunju 2002, liema somma ghandha titnaqqas direttament mill-paga tal-istess konvenut mill-Kap Kmandant tal-Forzi Armati, u tintbaghat direttament lill-attrici Maria Dolores Bugeja, u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-istess Kap Kmandant tal-Forzi Armati a spejjez tal-konvenut.

(4) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti b'effett immedjat, b'dan pero' li l-mobbli kollha li kienu ezistenti fid-dar konjugali, u li llum jinsabu fil-pusess tal-istess attrici ghandhom jigu assenjati lill-istess attrici, filwaqt li l-fond Block H, Flat 14, Mtarfa, ghandu jibqa' proprjeta' komuni bejn il-kontendenti l-konjugi Bugeja, f'porzjoni ta' nofs kull wiehed indivizi, b'dan pero' li l-attrici hija awtorizzata sabiex flimkien ma wliedha kollha hija tghix fl-istess fond bhala d-dar konjugali bl-esklussjoni tal-istess konvenut, li ovvjament ghandu jghix u jistabbilixxi r-residenza tieghu band'ohra, kif fil-fatt jirrizulta li gja ghamel, kif ammess mix-xhieda tieghu. Mill-banda l-ohra l-karozza Honda Civic ghandha tigi assenjata lill-konvenut, mentri d-dejn li ghad hemm gravanti l-istess dar matrimonjali ghandu jithallas bin-nofs bejn il-partijiet.

Bl-ispejjez komprizi dawk tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002**